MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 1908/2001/1

**Dr. Emmanuel Borda**

**vs**

**Professur Roger Ellul-Micallef, fil-kapaċita` tiegħu ta' Rettur**
**u in rappreżentanza tal-Universita` ta' Malta**
**u bħala *Chairman* tal-Bord tal-Għażla**
**tal-istess Universita` ta' Malta**
**u b'nota tat-22 ta' Dicembru 2006**
**il-Professur Juanito Camilleri assuma l-atti tal-kawza**
**fil-kapacita` tieghu ta' Rettur u in rapprezentanza**
**tal-Universita` ta' Malta u bhala Chairman tal-**
**Bord tal-Ghazla tal-istess Universita` ta' Malta**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur li taqra hekk:
“Billi fit-12 ta’ Jannar 2001 l-Universita` ta’ Malta ħarget żewġ sejħiet għall-postijiet fid-Dipartiment tal-Ekonomija fl-Universita` ta’ Malta, wieħed fl-‘International Economics’ u l-ieħor f’‘Resources Economics’, u dan skond kif jirriżulta mill-annessi Dok. “EB1” u “EB2”;

“U billi l-attur, li huwa gradwat B.A. (Hons) fl-Ekonomija, M.A. (Econ) u b’dottorat fl-Ekonomija (PH.D), u ilu jgħallem għal dawn l-aħħar snin fil-Faculty of Economics, Management and Accountancy (F.E.M.A,.), kif ukoll ilu għal dawn l-aħħar tmien snin jgħallem fl-Universita` ta’ Malta fl-istess Fakulta, u għandu prattika ta’ bosta snin f’suggetti varji tal-Ekonomija, applika għall-mili ta’ dawn iż-żewġ sejħiet peress li kellu l-kwalifiki kollha neċessarji u l-esperjenza skond l-istess sejħa għall-applikazzjonijiet;

“U billi l-attur, wara li sarlu “interview” minn Bord tal-Għazla, ma ġiex magħzul għall-mili tal-ebda waħda minn dawn iż-żewġ karigi minħabba l-eta` tiegħu, u saru dikjarazzjonijiet f’dan is-sens kemm qabel kif ukoll wara li ġie iffurmat il-Bord tal-Għazla rispettiv biex jezamina l-applikazzjonijiet, kif ukoll b’mod indirett waqt l-istess ‘interview’ li sar mill-imsemmi Bord tal-Għazla;

“U billi l-eta` ma kienitx waħda mir-rekwiziti fl-applikazzjonijiet fuq imsemmija, u d-deċizjoni tal-Bord tal-Għazla hija mhux biss abusiva u llegali imma diskriminatorja u *ultra vires* peress li hija msejjsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, kif ukoll tikser il-prinċipji stabbiliti taħt l-Artikolu 14 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta’ Malta, u tmur kontra l-politika tal-Gvern tal-gurnata li qiegħed jallinea ruħu mal-liġijiet, regolamenti u direttivi tal-Unjoni Ewropeja;

“U billi fl-għazla tiegħu, il-Bord għażel żewġ kandidati iżgħar fl-eta`, izda b’anqas kawlifiki u esperjenza mill-attur;

“U billi l-konvenuti ġew interpellati sabiex jirrevedu d-deċizjoni illi ħadu u jagħtu l-‘appointment’ li jixraq lill-attur f’waħda mill-kariġi tal-‘International Economics’ jew ‘Resouces Economcis’;

“U billi l-konvenuti sallum baqgħu inadempjenti;

“Jghidu l-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

“1. Tiddikjara illi l-imsemmija deċizjoni tal-konvenuti hija abusiva, illegali, diskriminatorja fil-konfront tal-attur u *ultra vires*;

“2. Tiddikjara għalhekk illi l-imsemmija deċizjoni tal-konvenuti hija nulla, invalida u mingħajr effett u konsegwentament;

“3. Tordna li l-attur jiġi mogħti l-‘appointment’ fil-kariga tal- ‘International Economcis’ jew ‘Resources Economics’, u dan taħt dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jogħgobha tagħti din l-Onorabbli Qorti;

“B’riserva għal kull azzjoni għad-danni kontra l-konvenuti u bl-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittri bonarji tal-4 t’Ottubru 2001, tat-18 t’Ottubru 2001, tat-30 t’Ottubru 2001 u tal-protest tad-9 ta’ Novembru 2001 kontra l-konvenut minn issa nġunt għas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol. 11) li in forza taghha ecepixxa illi:
“Illi fl-ewwel lok il-Bord tal-Għażla la għandu personalita` guridika u lanqas locus standi f’dan il-giudizzju;

“Illi fit-tieni lok il-Qorti m’għandhiex gurisdizzjoni fuq l-għażla ta’ l-għalliema magħmula mill-Universita`;

“Illi fit-tielet lok in-nomina tal-għalliema fl-Universita` ma hux att amministrattiv fis-sens ta’ l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta’ Organizazzjoni u Proċedura Ċivili;

“Illi fir-raba’ lok ma kien hemmx xejn irregolari jew diskriminatorju fl-għażla magħmula mill-Universita`, u din saret fid-dawl ta’ kriterji validi u rilevanti għal dik il-nomina;

“Illi fil-ħames lok il-fattur ta’ l-eta` la kien fattur detterminanti jew ewlieni f’dik l-għażla, anzi ma kienx wieħed mill-fatturi li ffigura f’dik l-għażla;

“Illi fis-sitt lok it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt;”

“Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;”

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Jannar, 2003, li in forza taghha cahdet it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut nomine u ordnat illi l-kawza tissokta bis-smiegh tal-provi fil-meritu; l-ispejjez tad-decizjoni baqghu riservati ghas-sentenza finali;

Dik il-Qorti tat dik is-sentenza wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi din hija kawża ta’ stħarriġ ġudizzjarju dwar sejħa għall-mili ta’ karigi fid-Dipartiment tal-Ekonomija ta’ l-Universita` ta’ Malta. L-attur diġa’ ilu xi snin jgħallem fi ħdan l-imsemmi Dipartiment. Huwa qed jilmenta illi, minkejja l-kwalifiki tiegħu u li kien ħares il-kondizzjonijiet tas-sejħa għall-applikazzjonijiet, ma ntgħażilx għall-ebda wieħed miż-żewġ postijiet li dwarhom saret is-sejħa, u dan sar b’mod inġust minħabba l-eta` tieghu, meta l-eta` ma messhiex kienet waħda mill-kondizzjonijiet li kellhom jitqiesu fl-għażla tal-konkorrenti li applikaw għall-kariga;

“Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek *nomine* laqa’ billi qal, fost l-oħrajn, li l-Bord ta’ l-Għażla m’għandux personalita` ġuridika u għalhekk ma messux ġie mħarrek; li din il-Qorti m’għandhiex is-setgħa li tiddeċiedi dwar ħatriet magħmula mill-Universita` dwar l-għalliema li trid tħaddem magħha; u li l-eżerċizzju li minnu qed jilmenta l-attur m’huwiex “att amministrattiv” kif maħsub fl-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Ressaq ukoll eċċezzjonijiet fil-mertu;

"Illi din is-sentenza qegħda tqis biss il-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni u n-natura ta' l-għamil impunjat mill-attur, u għalhekk m'hijiex qegħda tqis is-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet fin-noti rispettivi tagħhom dwar is-siwi li l-Bord ta' Għażla jista' joqgħod f'din il-kawża, billi dik l-eċċezzjoni ma kinitx waħda li dwarha saret trattazzjoni u billi dik l-eċċezzjoni tista' tiġi deċiża mas-sentenza fil-mertu, ladarba l-konvenut huwa mħarrek ukoll fi kwalitajiet oħrajn, minbarra bħala *chairman* tal-istess Bord;

"Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tqis l-eċċezzjonijiet taħt eżami, jidher xieraq li jissemmew xi fatti ewlenin li jirriżultaw mill-atti tal-kawża. Fit-12 ta' Jannar, 2001, ħarget sejħa mill-i*Staff Recruitment and Development Office* fi ħdan l-Universita` għall-applikazzjoni għal żewg karigi akkademiċi fid-dipartiment tal-Ekonomija fil-Fakulta` ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy (F.E.M.A.). Il-kwalifiki meħtieġa għal min kien interessat jissemmew fit-tieni paragrafu tas-sejħa tal-applikazzjonijiet f'kull waħda miż-żewg karigi[1]. L-attur iħaddan diversi kwalifiki akkademiċi fil-qasam tal-ekonomija u ilu jgħallem fi ħdan l-imsemmija Fakulta` għal għadd ta' snin. Fuq dan l-aħħar tagħrif l-imħarrek *nomine* ma jressaq l-ebda kontestazzjoni imma, għall-kuntrarju, jiddikjara li jaqbel ma' l-attur dwar dawk il-fatti;

"Illi, minkejja l-ordni li fih tressqu l-eċċezzjonijiet li dwarhom qegħda tingħata din is-sentenza, il-Qorti temmen li jkun iżjed loġiku li tqis l-ewwel it-tielet eċċezzjoni, u mbagħad it-tieni waħda, jekk ikun il-każ. Dan jingħad għaliex biex wieħed iqis jekk il-Qorti għandhiex is-setgħa li tagħmel stħarriġ ġudizzjarju bħal dak mitlub mill-attur, jeħtieġ qabel kollox jintwera li l-għamil li dwaru jista' jsir stħarriġ bħal dak ikun wieħed "amministrativ" kif imfisser fil-liġi;

"Illi, għalhekk, għal dak li jirrigwarda t-tielet eċċezzjoni ta' l-imħarrek *nomine*, il-Qorti tagħmel referenza għat-tifsira li l-liġi[2] tagħti lill-kliem "għemil amministrattiv". Dawn il-kliem huma mfissra bħala kull ordni, liċenza, permess, *warrant*,

[1] Dokti "EB1", u "EB2", f'paġġ. 5 u 6 tal-proċess
[2] Art 469A(2) tal-Kap 12

deċizjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita` pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita` (enfasi miżjud mill-Qorti). Awtorita` pubblika tinkludi kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi. Dwar din l-aħħar tifsira, m'hemm l-ebda dubju li l-Universita` ta' Malta hija awtorita` kif imfissra mil-liġi nnifisha;

"Illi fin-nota tas-sottomissjonijiet tiegħu, l-imħarrek *nomine* jgħid illi kwestjoni li tirrigwarda l-ħatra mill-Universita` ta' għalliema hija att "li jsir għal għan ta' organiżżazzjoni u amministrazzjoni interna", li huwa wieħed mill-funzjonijiet li l-liġi tagħti lill-Universita` fir-rwol tagħha li torganiżża d-dipartimenti u l-fakultajiet fi ħdanha. Huwa jżid jgħid li l-liġi espressament tipprojbixxi lill-Qorti milli tistħarreġ għamil illi jaqa' fi ħdan din l-eżenzjoni maħsuba fit-tifsira ta' dan il-kunċett ta' "għamil amministrattiv";

"Illi min-naħa tiegħu l-attur iwarrab din is-sottomissjoni ta' l-imħarrek billi jgħid li l-għażla għall-mili tal-karigi kienet "deċizjoni" li bil-liġi tagħmel parti mit-tifsira tal-kliem "għamil amministrattiv". Huwa jgħid ukoll li, minbarra dan, l-aġir tal-konvenut *nomine* fil-konfront tiegħu kien wieħed tali li naqas li jħares wieħed mill-prinċipji tal-ġustizzja naturali. Il-Qorti, filwaqt illi taqbel mas-sottomissjonijiet tal-attur illi deċiżjoni hija meqjusa ukoll bħala wieħed mill-atti li jikkwalifika bħala għamil amministrattiv, ma tistax tinjora l-fatt li l-esklużjoni magħmula fit-tifsira li l-liġi tagħti lill-kliem "għemil amministrattiv" tikkwalifika l-għemejjel kollha maħsuba f'dik it-tifsira. Fi kliem ieħor, jekk deċiżjoni tittieħed bl-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita`, allura l-Qorti hija miżmuma mil-liġi milli tistħarreġ dik id-deċiżjoni, ukoll jekk meta ttieħdet ikun seħħ nuqqas ta' tħaris ta' xi prinċipju ta' ġustizzja naturali jew xi ksur ieħor kontemplat fl-artikolu 469A(1) tal-Kap 12, u dan għaliex ikun naqas element ewlieni biex jista' jsir l-istħarriġ bħal dak, jiġifieri l-element kostitutiv tal-għamil amministrattiv;

"Illi għalhekk il-Qorti trid tqis jekk is-sejħa għall-applikazzjonijiet mertu ta' din il-kawża jikkwalifikax bħala ħaġa li ssir b'għan ta' organiżżazzjoni jew

amministrazzjoni interna. Mill-ftit provi illi jirrizultaw mill-atti tal-kawża ma jidhirx li s-sejħa għall-applikazzjonijiet kienet waħda "interna" jew miftuħa biss għal min kien diġa' għalliem fl-Universita`, jew li kienu esklużi milli japplikaw persuni li mhumiex diga' membri fuq l-i*staff* akkademiku ta' l-Universita`. Ma rriżultax lill-Qorti jekk min intgħażel biex jimla l-karigi li għalihom applika l-attur kienx diga' impjegat mill-Universita` konvenuta jew le. Il-Qorti tifhem illi t-tielet eċċezzjoni tal-imħarrek *nomine* kienet tkun mistħoqqa kieku ntwera (u dan kien obbligu ta' prova li jaqa' fuq min qanqal l-eċċezzjoni) is-sejħa għall-applikazzjonijiet kienet waħda interna biss, jew kieku ntwera li d-deċiżjoni kienet waħda ta' ri-organiżżazzjoni tad-Dipartiment konċernat. Ladarba pero` persuni li ma kenux għadhom impjegati ma' l-Universita` ma jidhrux li nżammu milli japplikaw biex jiġu meqjusa għall-mili tal-karigi, allura f'dak il-każ l-element "intern" ta' l-eżerċizzju ma jibqax japplika iżjed. Li kieku kien hekk, l-ebda eżami pubbliku jew sejħa ghall-applikazzjoni miftuħa għall-barranin imnedija minn xi awtorita` pubblika ma tista' qatt tiġi mistħarrġa mill-Qorti ladarba l-għan aħħari tagħha jkollu x'jaqsam mal-organiżżazzjoni interna fi ħdan awtorita` bħal dik;

"Illi minħabba f'hekk u f'dan l-istadju tal-kawża ma jistax jingħad illi is-sejħa għall-applikazzjonijiet li dwarha l-attur qed iressaq din il-kawża tiegħu hija għamil intern li din il-Qorti hija miżmuma milli tqis fid-dawl tal-istess ilment, u għalhekk din il-Qorti m'hijiex qegħda tilqa' t-tielet eċċezzjoni;

"Illi <u>għal dak li jirrigwarda s-setgħa tal-Qorti li tistħarreġ l-operat jew deċiżjonijiet amministrattivi</u> għandu jingħad li llum il-liġi tipprovdi b'mod speċifiku għaċ-ċirkostanzi speċjali ta' stħarrig bħal dan. Dan ma jfissirx li qabel ma daħal fis-seħħ l-imsemmi artikolu ma seta` jsir l-ebda stħarriġ ġudizzjarju. Għall-kuntrarju, sa minn għadd ta' snin ilu, l-Qrati tagħna iddeċidew li għandhom ġurisdizzjoni li jeżaminaw u jiddeċiedu jekk xi awtorita` kompetenti mxietx skond is-setgħat mogħtija lilha mil-liġi fit-twettiq ta' xi poter eżerċitat minnha. Dan jingħad ukoll rigward l-eżerċizzju tas-setgħat mogħtijin bil-liġi lill-

Universita`[3]. Tali ġurisdizzjoni teżisti sakemm ma tkunx espressament eskluża, billi d-derogi għall-ġurisdizzjoni għandhom jitfissru b'mod restrittiv, u f'każ ta' dubju esklużi. Bis-saħħa tad-dħul fis-seħħ ta' l-artikolu 469A, ġew imfissra aħjar il-parametri ta' tali stħarriġ u kif ukoll l-awtoritajiet illi dwarhom il-Qrati Ċivili għandhom is-setgħa li jagħmlu stħarriġ dwar għemilhom;

"Illi l-imħarrek *nomine* jsostni t-tieni eċċezzjoni tiegħu billi jgħid illi l-attur mhux qiegħed jallega li fil-proċess tal-għażla ma ġewx imħarsa l-proċeduri kif stipulat fl-Att dwar l-Edukazzjoni, u lanqas qed jilmenta li l-għażla saret b'malafede jew għal konsiderazzjonijiet mhux xierqa, u għalhekk jgħid li l-eżerċizzju li qed jagħmel l-attur m'hu xejn għajr indħil fid-diskrezzjoni mħollija mil-liġi unikament f'idejn il-Kunsill ta' l-Universita`. F'dan is-sens l-imħarrek qed jgħid illi m'huwiex mogħti lill-Qorti li tindaħal fid-diskrezzjoni mogħtija lill-Kunsill ladarba din tkun twettqet fil-limiti tal-liġi. Huwa jtenni li l-kwestjoni ta' l-eta` li fuqha l-attur isejjes il-kwestjoni kollha tiegħu f'din il-kawża taqa' fil-qasam tal-politika (*policies*) li kull awtorita` għandha l-jedd li tfassal bħala għodda biex bihom teżerċita d-diskrezzjoni tagħha, u tmur lil hinn mill-element tal-irraġonevolezza fl-eżerċizzju ta' dik id-diskrezzjoni;

"Illi min-naħa tiegħu l-attur jirribatti dawn l-argumenti billi jgħid li t-tip ta' ilment tiegħu dwar id-deċiżjoni mehuda li biha ma ġiex magħżul għal xi waħda miż-żewġ ħatriet reklamati jaqa' sewwasew fil-ġurisdizzjoni speċjali mogħtija lill-Qorti Ċivili biex tistħarreġ ilment bħal tiegħu. L-attur iżid jgħid li l-qofol ta' l-ilment tiegħu hu li d-deċiżjoni hija imtebbgħa b'konsiderazzjoni diskriminatorja li tolqot lilu personalment u mhux lill-kandidati l-oħrajn u b'hekk tefgħetu fi żvantaġġ bi ħsara għalih. Fi kliem ieħor l-attur qed jixli lill-imħarrek, fil-kwalita` tiegħu premessa, li fl-għażla li saret għall-mili tal-kariġi battala, saret diskriminazzjoni u li dan il-fatt biss iqiegħed l-eżerċizzju ta' l-għażla fil-parametri tas-setgħa ta' din il-Qorti li tistħarrġu indipendentement mill-jedd li għandha l-Universita` li

[3] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **10.10.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech et vs Żarb noe et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.236**)

twettaq politika (*policy*) ta' ingaġġ ta' persuni ta' anqas minn ċerta eta`;

"Illi wara li l-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-pożizzjonijiet rispettivi meħuda mill-partijiet, qegħda tifhem illi l-azzjoni attriċi hija mibnija fuq akkuża illi fil-konfront tiegħu u lil hinn mill-kwalifiki l-oħrajn kollha illi wera li għandu, l-imħarrek *nomine* qies kriterju (l-eta` ta' l-applikant) li ma kienx formalment imsemmi fis-sejħa għall-applikazzjonijiet u li jidher li fattwalment kien determinanti fl-esklużjoni ta' l-attur mill-għoti tal-ħatra li għaliha kien applika. L-att taċ-Ċitazzjoni jidher ċar li jtenni li l-ilment tal-attur hu li sar ċaqlieq fir-regoli tal-għażla wara li kien inbeda l-proċess tal-għażla, u għalhekk, sar abbuż ta' setgħa għal għanijiet mhux xierqa. Meqjusa f'din il-perspettiva, l-azzjoni attriċi ma tinbidlix f'eżerċizzju li bih il-Qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Universita` b'tagħha, imma eżerċizzju ta' jekk il-proċess tal-għażla kienx wieħed immexxi b'ħarsien tal-liġi;

"Illi l-imħarrek *nomine* jiċħad bil-qawwa kollha li l-fattur ta' l-eta` kien wieħed mill-konsiderazzjonijiet meħuda mill-Bord ta' l-Għażla fid-determinazzjoni tiegħu għall-għażla tal-kandidat adattat. Dan huwa fatt li jrid jiġi stabilit mill-ġbir tal-provi. Il-Qorti trid tagħmilha ċara li meta qegħda tqis jekk għandhiex is-setgħa li tistħarreġ l-ilment ta' l-attur, hija qegħda tistrieħ biss fuq dak li jirriżulta mill-att taċ-ċitazzjoni u kif ikunu ġew imfassla l-parametri tal-vertenza. Jekk mill-mod kif tkun imfassla ċ-ċitazzjoni l-Qorti ssib li l-kwistjoni taqa' taħt is-setgħat tagħha, ma tistax twarrab ir-responsabbilta' li teżerċita s-setgħat tagħha. Lanqas ma jkun ifisser li dak li ġie allegat mill-attur jitqies diga' pruvat jew dak kontestat mill-imħarrek meqjus miċħud. Jekk il-Qorti tgħid li għandha s-setgħa tisma' jew tistħarreġ għamil amministrattiv, xorta jaqa' fuq l-attur li jipprova dak li qed jallega;

"Illi, b'żieda ma' dan, is-sentenza li għaliha jagħmel riferenza l-imħarrek[4] *nomine* ma tgħidx li fi kwestjoni bħal din il-Qrati m'għandhomx ġurisdizjoni, imma li l-Qrati

[4] Regina vs Chancellor Oxford University (ex p. Galligan) (2001)

għandhom iqisu sewwa qabel jiddeċiedu li jindaħlu fil-kwestjoni. Biex il-Qrati jagħmlu dan, bilfors iridu jaraw x'inhi l-kwestjoni u jekk, bin-nuqqas ta' eżerċizzju tas-setgħa ta' stħarriġ tkunx sejra sseħħ xi inġustizzja;

"Illi meħuda strettament f'dan id-dawl ta' tifsir u bla ma l-Qorti qegħda tippronunċja ruħha b'xi mod dwar il-fondatezza fil-mertu ta' xilja bħal din, hija tasal biex tqis li l-ilment ta' l-attur jagħtiha s-setgħa li tistħarreġ il-proċess ta' l-għażla. Huwa minnu li Qorti m'għandhiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni ta' awtorita` bid-diskrezzjoni tagħha, imma għandha d-dmir illi tistħarreġ jekk dik id-diskrezzjoni tkunx marret lil hinn mis-setgħat mogħtija lil dik l-awtorita` bil-liġi, kif maħsub fl-artikolu 469A(1)(b) tal-Kap 12. F'dan ir-rigward u sa' dawn il-limiti l-Qrati ordinarji għandhom mhux biss is-setgħa imma ukoll id-dmir li jistħarrġu jekk mitluba jagħmlu dan;

"Illi għalhekk din il-Qorti ssib li *prima facie* l-ilment ta' l-attur iqanqal kwestjoni li din il-Qorti ma tkunx tagħmel sew li tinjora, u għalhekk it-tieni eċċezzjoni ta' l-imħarrek *nomine* wkoll ma hijiex tintlaqa';"

Rat is-sentenza finali moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Dicembru, 2006, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:
"Illi l-konvenut eccepixxa li fl-ewwel lok il-Bord tal-Ghazla la kellu personalita` guridika u anqas ***locus standi*** f'dan il-gudizzju. Dan hu certament veru u ma hemmx ghalfejn ta' hafna deliberazzjonijiet. Izda dan jolqot il-kawza biss in kwantu ghall-bord tal-ghazla izda mhux ghall-Universita` ta' Malta. U ghalhemm tilqa' l-eccezzjoni biss f'dan is-sens, izda tichadha bhala Universita` ta' Malta.

"Ir-raba' eccezzjoni ssemmi li ma kien hemm xejn irregolari jew diskriminatorju fl-ghazla maghmula mill-Universita`, u din kienet saret fid-dawl ta' kriterji validi u rilevanti ghal dik in-nomina. Dan gie ezaminat fit-tul hawn fuq u ghall-motivi msemmija hija michuda.

"Fil-hames lok il-konvenut eccepixxa li l-fattur tal-eta` la kien fattur determinanti jew ewlieni f'dik l-ghazla, anzi ma

kienx wiehed mill-fatturi li kien iffigura f'dik l-ghazla. Dan gie imsemmi mid-diversi xhieda; il-Qorti ghalhekk tilqghu izda b'ebda mod ma jaffettwa l-meritu tal-kawza odjerna.

"Intqal li fis-sitt lok it-talbiet tal-attur kienu infondati fil-fatt u fid-dritt. Din ma jidhirx li hi eccezzjoni li timmerita aktar approfondiment, u ghalhekk michuda.

"Dwar it-talbiet attrici l-Qorti intalbet tiddikjara li l-imsemmija decizjoni tal-konvenuti hija abusiva, illegali, diskriminatorja fil-konfront tal-attur u ***ultra vires****.* Il-Qorti thoss li dak li sar jmur kontra dak imsemmi fl-artikoli 469A 1 (b) (ii) u (iv).

"Tiddikjara ghalhekk illi l-imsemmija decizjoni tal-konvenuti hija nulla, invalida u minghajr effett.

"L-attur talab ukoll li konsegwentament l-Qorti tordna li l-attur jigi moghti l-***appointment*** fil-kariga tal-'***International Economics***' jew '***Resources Economics***', u dan taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li joghgobha taghti l-Qorti. Il-Qorti ma thossx li ghandha dan il-poter ghax hi qedgha hemm biex tivverifika li kollox isir kif suppost minn awtorita` pubblika izda mhux biex tissostitwixxi d-diskrezzjoni ta' Bordijiet ohra ma' taghha. Biss biss jista' jkun qasam li fih il-Qorti mhux sufficjentement edotta! Huwa veru li fil-kaz in ezami kumbinazzjoni l-Qorti kif presjeduta hija lawrjata fl-ekonomija u kwalifikata f'diversi aspetti ohra izda dan ma hux relevanti fil-fehma taghha. Ghalhekk l-ahhar talba ma tistax tintlaqa'.

"Spejjez terz ghall-attur u zewg terzi ghall-konvenut."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Xehed l-attur <u>Dr. Emmanuel Borda</u> li semma li meta applika kien gja jghallem l-universita` bhala ***permanent part-time***. Kienu hargu sejhiet, hu kien applika u deher quddiem il-Bord tal-Ghazla li kien kompost mir-Rettur, Profs. Darmanin, Profs. Briguglio, Dr. Albert Ganado u Mr. Magro. Zied jghid li qabel ma harget il-***call for***

***applications*** il-Professur Briguglio kien qallu li jixtieq li jkun assistit min-nies ta’ eta` zghira u mhux min-nies ta’ eta` avvanzata. Qal li fil-***call for applications*** ma kien hemm ebda ***barrier*** fuq ***age limits*** u minhabba f’hekk kien thajjar u applika. Sostna li waqt l-interview s-Sur Magro kien qajjem il-punt jekk ix-xhud jiflahx jahdem bizzejjed. Ix-xhud dak iz-zmien kien jaghmel 10 ***contact hours*** mal-istudenti. F’okkazjoni separata l-Professur Ellul Micallef kien esprima l-ideja li jkun hemm ***lecturers*** ta’ eta` izghar u x-xhud hassu bhala kumment ghalih. Dan kien xi xahar wara ***interview***. Ir-rettur kien ic-***chairman*** tal-***interviewing board***. Il-kliem tas-Sur Magro kien interpretah bhala li qed jghidlu li minhabba l-eta` tieghu anqas biss messu applika. Ix-xhud kien jghallem il-***fourth year honours student economics*** fuq ***transport economics*** u dak iz-zmien gja kellu PH.D. fl-ekonomija. It-tnejn li ntaghzlu kellhom ***Masters Degree***. Wiehed minnhom kien Mr. Cordina li kien jahdem ***full time*** is-***Central Bank*** u kien jaghmel ***lecturing*** l-Universita` u l-ohra kienet Rose Maria Azzopardi li l-***Masters*** taghha sa fejn kien jaf hu kien fuq xi haga ohra.

“In kontro ezami qal li l-***interview*** ma damx hafna hin. L-ewwel li kien tkellem ir-Rettur u staqsa lix-xhud ghaliex kien interessat fil-kariga, u l-Professur Briguglio staqsieh kif seta` jikkontribwixxi ghad-dipartiment. Ix-xhud qal li hassu diskriminat minhabba l-kwistjoni tal-eta`.

“Xehed il-Prof. Roger Ellul Micallef, Rettur tal-Universita` ta’ Malta u qal li l-applikazzjonijiet fir-***Resource Economics*** u f’***International Economics*** huma zewg ***areas*** differenti. Semma li jaf li l-attur kien applika ghalihom, u kien jaf ukoll il-kwalifiki li ghandu l-attur minhabba li minn ta’ l-inqas kien xi erba’ darbiet ***chairman*** ta’ bordijiet fejn kien applika l-attur. Dwar l-applikazzjonijiet in kwistjoni qal li l-attur ma kellux il-kwalifiki. Ix-xhud qal li hu jkun ic-***chairman*** ta’ dawn il-bordijiet izda jkun hemm nies aktar specjalizzati minnu fl-***area*** in kwistjoni. Dwar il-procedura li ssir fis-***selection board*** qal li hu jkun ic-***chairman.*** Kompla jghid li l-bord ikun maghmul mir-Rettur jew delegat tieghu li jkun ic-***chairman***, imbaghad ikun hemm il-kap tad-dipartiment li

fih ikun hemm il-***vacancy***, ikun hemm ukoll id-dekan tal-fakulta` li fiha jkun hemm dak id-dipartiment, ikun hemm dekan ta' fakulta` ohra u jkun hemm ukoll membru tal-kunsill li ma jkunx membru ta' l-Universita`. Jigifieri l-kunsill huwa maghmul minn membri ta' l-Universita` li jahdmu l-Universita` u membri li jahdmu mal-Gvern. Fil-bord ikun hemm membru tal-kunsill li ma jkunx impjegat tal-Universita`.

"Mindu kien sar Rettur ix-xhud beda jaddotta l-procedura li jistabilixxu numru ta' kriterji u kulhadd individwalment jassessja l-kandidat fuq dawn il-kriterji. Imbaghad fl-ahhar tal-bord hu jitlob l-***assessment*** lil kull membru tal-bord minghajr ma jghid x'kien ir-rizultat tieghu. Qal ma jiftakarx min ha l-***appointment*** izda ftakar kien hemm qbil unanimu dwar min kellhom ikunu l-kandidati.

"Mistoqsi kif jigu nominati l-ahhar zewg membri tal-bord qal li l-kunsill ma jiddecidix ghal kull ***selection board*** il-persuna li tkun se tigi mahtura izda jiddeciedi minn qabel ghas-sentejn li jkunu gejjin u dawn hafna drabi jkunu minn fakultajiet li jkunu vicin. Zied jghid li l-kriterji li fuqhom jintaghzlu l-kandidati dejjem ikunu kwalifiki, referenzi, personalita`, vizjoni, komunikabilita`, kemm il-persuna tkun kapaci tikkomunika anki waqt il-bord, l-idejat taghha u wkoll naturalment l-esperjenza f' dal il-kamp propju. Dwar vizjoni spjega li din tkun il-vizjoni li l-kandidat ikollu ta' kif se jizviluppa ***within the departimental teaching***, kif se jiffittja, jiffittjax, id-dipartiment liema direzzjoni qieghed jiehu, x'direzzjoni qieghed jaghti lilu innifsu. Qal li d-dipartiment ihares ukoll kif id-dipartiment se jizviluppa, xi bzonnijiet se jkollu, liema direzzjoni se jiehu, il-kandidat x'se joffri lil dak id-dipartiment.

"F'dan il-kaz kienu applikati l-istess kriterji. Kull persuna fuq il-bord taghmel ***assessment*** bil-mod kif jidhrilha hi u hekk kull persuna li tkun fuq il-bord taghmel l-***order of priorities*** taghha. F'kull kaz fejn ix-xhud ikun ***chairman*** dejjem tigi moghtija l-***order of priority*** ta' kull persuna li tkun fuq il-bord.

"Qal li hu ma jistax jaltera l-***appointment*** ta' persuna fl-universita`, izda dawn jaghmilhom il-Kunsill. Ma kienx ix-xhud direttament responsabbli ghall-fatt illi l-attur kien tela' minn T6 ghal TR6. Il-fatt illi xi hadd jizdiedlu l-***load*** ma jfissirx li zdied il-***load*** ghaliex akkwista xi kompetenzi li qabel ma kellux imma jfisser li l-Universita` jkunu zdiedulha n-numru ta' studenti u jkollha bzonn iktar ***teaching hours***. Il-Kunsill japprova jew ma japprovax fuq rikjesta tad-Dekan. Naturalment id-Dekan trid issirlu r-rikjesta mill-***head*** tad-***department***. Sostna li dan ma jaffettwax fil-grad izda jaffettwa fin-numru ta' sieghat allokati lill-persuna in kwistjoni. Din il-kwistjoni ta' sieghat hija dipendenti min-numru ta' sighat li jkun hemm bzonn u mhux mill-kompetenza tal-persuna in kwistjoni.

"Ma kienx jaf jekk l-attur kienx gja qed jghallem ir-***Resource Economics***. Qal li l-***appointment*** ma jaghmlux ir-Rettur izda l-Kunsill li jibqa' fuq r-rakkomandazzjoni tas-***selection board*** li appuntu jkollu rapprezentant tieghu fuq il-bord propju ghal dan l-iskop. Ix-xhud ma ftakarx id-domandi li saru lill-attur f'dan il-kaz, u f'ebda ***interview*** ma jinzamm ***record*** tad-domandi li jsiru. Sostna li ghalih il-fattur ta' l-eta` m'ghandhiex dik l-importanza kollha izda ghalih jiddependi minn dak il-kandidat kif se jiffittja fid-dipatiment u x'sejjer jaghti jew le.

"Xehed il-Professur Lino Briguglio Kap tad-Dipartiment ta' l-Ekonomija kif ukoll ***acting head*** tad-Dipartiment ***tal-Banking and Finance***. Dwar l-attur qal li jaf li ghamel zmien kien ***part time*** imbaghad ha s-sistema ta' TR li hija grad oghla aktar mill-***part time*** normali. Fost affarijiet ohra kien jghallem ***Transport Economics*** u ***Mediterranean and Global Context***. L-attur kien ***tutor*** ta' l-ewwel sena pero` kultant minhabba l-esigenzi x-xhud gieli jitlob lill-***part timers*** u fosthom lil Dr. Borda biex jaghmlu wkoll xi suggetti ohrajn.

"Qal li meta harget l-applikazzjoni ghal ***Resource Economics*** kien necessarju li l-persuna trid tghallem ***Cost Benefit Analysis***, ***Environmental Economics*** u ***Development Economics***. Mistoqsi jekk kienx hajjar lil xi hadd biex japplika ghal dan il-kors qal li jista' jkun li gibed

l-attenzjoni ta' l-applikazjoni lil xi hadd pero` mhux li hajjru specifikament. Zied jghid li l-procedura hi li huma jirrakkomandaw u mbaghad issir id-decizjoni tal-***faculty board*** u mbaghad tmur il-***Human Resources*** u gieli jghaddu x-xhur jekk mhux is-snin sakemm dan javvera ruhu. Ma ftakarx li lis-Sur Cordina tal-Bank Centrali kien hajjru specifikament.

"Qal li ghandhom diversi kriterji u cioe` lista ta' erba' izda l-eta` ma kenitx wahda minn dawn il-kriterji. L-eta` ma tidhol fl-ebda wiehed mill-kriterji li hemm imnizzlin. Meta kien intaghzel kandidat fil-fatt hu kien intghazel fuq il-kriterji li kienu qalulna biex nimxu fuqhom. Ma ftakarx li qal lill-attur li l-persuna li tigi accettata jrid ikollha eta` zghira, u anqas ftakar li qatt issemma l-kriterju ta' l-eta` waqt l-ghazla ta' kandidat. Zied jghid li normalment f'kaz bhal dan ikun hemm bord li jkun kompost normalment mill-Kap tad-Dipartiment li f'dan il-kaz kien ix-xhud, mid-Dekan li kien il-Prof. Darmanin, id-Direttur ta' l-Universita`, rapprezentant tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u xi hadd iehor li minghalih kien il-kap tal-Human Resources Department.

"Kompla jghid li huma jallokaw il-marki fuq l-erba' kriterji individwalment u fil-kaz in ezami l-kriterji kienu kwalifikazzjonijiet akkademici, vizjoni, esperjenza u ***communication skills***, kif jikkomunika ma' l-istudenti u kif jikkomunika wkoll fl-***interview***. Ir-***rating*** li kienet giet allokata ghal kull wiehed minn dawn il-kriterji kien ugwali u cioe` 25 fil-mija. Il-marki jigu allokati individwalment minghajr ma wiehed juri lill-iehor. Huma kienu qablu li l-kandidat li ghazlu kien l-ahjar. Hu ma kellux kopja ta' l-allokazzjoni tal-marki.

"Qal li f'dan l-***interview*** kien intghazel Gordon Cordina u kulhadd kien ta' l-istess opinjoni li jkun Gordon Cordina. Gordon Cordina kien intghazel ghal ***Resources Economics*** filwaqt li Rose Azzopardi kienet intghazlet ghal ***International Economics***. Zied jghid li l-attur kien applika ghal hafna posts inkluz ***Management*** u ma kienx intghazel. Fl-***interviewing board*** kien hemm Mr. Magro li ghandu kariga gholja fid-dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Ma

setax jiftakar li f'xi hin Mr. Magro semma l-kwistjoni ta' l-eta`. Fil-fehma tax-xhud Gordon Cordina huwa bniedem brillanti, versatili, ghandu hafna esperjenza fit-taghlim u ghandu reputazzjoni tajba. Ghandu kull haga li wiehed jixtieq li jkollu membru tad-Dipartiment ta' l-Ekonomija. Ghandu hafna ***publications*** u allura ghandu dawn il-kwalitajiet kollha. Barra minn hekk ghandu kapacita` li jikkomunika u ssodisfa l-kriterji li huma nizzlu.

"Qal li Rose Marie Azzopardi hija specjalizzata hafna fl-***International Trade*** u hija bniedma brillanti u kulhadd qabel li hi l-ahjar wahda. Ma kellhom l-ebda diskussjoni fuq min hu l-ahjar fiz-zewg kazi.

"In kontro ezami qal li meta huma jmorru ghas-***selecion board*** lilhom ipprezentawlhom ***folder*** li jkun fih is-***CV***' s u d-dettalji l-ohra u r-referenzi dwar kulhadd. Ix-xhud jara l-***folder*** waqt il-bord u jhallieh hemmhekk. Huma ma jiktbux rapport formali, u jkun hemm segretarju tal-bord li jnizzel dawn id-dettalji."

"Xehed il-Professur Daniel Darmanin li hu d-Dekan tal-Fakulta` ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy. Hu jkun fuq il-***boards*** kollha tal-membri li jkunu fil-fakulta` tieghu, u fosthom kien ukoll f'tal-attur, tar-***Resource Economics*** u ***International Economics***. Semma kif ikun kompost il-bord. Dwar is-sistema ta' l-allokazzjoni tal-marki qal li bhala kriterji normalment wiehed jara l-kwalifiki adattati ghax jista' jkollok kwalifiki tajbin imma mhux bilfors adattati ghal dak li jkunu jridu huma, esperjenza, u mbaghad jidhlu f' affarijiet ohra. Huma jaghmlu distinzjoni bejn ***full time*** u ***part time.*** Meta s-sejha tkun ghal ***full time*** huma jidhlu fil-partijiet ta' vizjoni, ta' potenzjalita`, esperjenza u qal li hu jara wkoll mal-potenzjal u vizjoni, id-disposizzjoni ta' dak li jkun, il-***commitment*** tieghu li jkun akkademiku u f'kaz ta' ***full time*** li lest jiddedika hajtu ghal akkademija u biex jespandi dak is-settur li ghalih ikunu hargu l-***call for application***.

"Qal li dejjem isir rapport. Inizjalment kulhadd jalloka l-marki separatament u mbaghad il-membri jiddeliberaw. Il-persuna li tkun ***chairman***, normalment ir-Rettur

jistaqsihom f'liema ordni jkunu poggew lill-kandidati, min ikun l-ahjar. F'dan il-kaz partikolari ma setax jiftakar jekk tax marki jew le pero` normalment il-procedura hija li wiehed biex jghin lilu nnifsu biex jistabilixxi kategorija u klassifika bilfors ikollu jaghti xi tip ta' marki halli jkun jista' jasal ghal evalwazzjoni ta' liema hu l-ahjar kandidat fil-fehma tieghu. Ma ftakarx jekk f'dan il-kaz Mr. Magro kienx fuq il-bord pero` hafna drabi jkun.

"Qal li l-eta` qatt ma kienet xi kriterju dwar l-ghazla tal-kandidat, la f'dan il-kaz u anqas f'ohrajn. Ma kellux impressjoni li ssemmiet l-eta` f'dan il-kaz. Dwar il-***full timers*** l-iktar li jaghti kaz ix-xhud huwa l-***commitment*** li bniedem jiddedika ruhu ***full time*** fuq l-akkademja u mhux ikollu affarijiet ohra fuq mohhu b' mod li ma jkunx jista' jaghmel ukoll apparti l-***lecturing***, ir-ricerka u l-affarijiet l-ohra necessarji ta' ***full timer***. Zied jghid li ma kellu ebda haga kontra l-attur dwar il-bicca xoghol ta' ***commitment***. Il-problema li kien hemm fil-konfront tal-attur kienet li seta` kien hemm min kien fil-fehma taghhom ahjar minnu. L-uniku fattur li seta` influwenza lix-xhud fil-kaz tal-attur kien li huwa kien applika ghal diversi ***posts*** u ghalhekk il-***commitment*** tieghu f'dan il-qasam partikolari seta` hass li ma kienx dak li huwa tant desiderabbli. Qal li wahda mill-problemi li jkollhom fil-fakulta` hi li kulltant japplika xi hadd ghal xi ***post***, ikun specjalizzat iktar f'***area*** ohra u mbaghad li jaghmel flok jespandi f'dik l-***area*** jiddiversifika ghall-***area*** l-ohra li huwa jhossu iktar komdu, iktar kapaci, u huma l-iskop taghhom l-universita` ma jkunx li jimla l-vojt fejn huwa jkun iktar kapaci. Ix-xhud qal li din joqghod attent ghaliha fil-fakulta`.

"Xehed il-<u>Professur Rizzo Naudi</u> li huwa Kancillier fl-Universita` u dan mill-1995. Ftakar li xi zmien ilu kienet saret bibita u xi diskorsi meta xi nies kienu hadu l-PH.D. u fost dawn in-nies li hadu l-PH.D. kien hemm l-attur. Ftakar li kien kellmu l-attur, li kellu xi ilment pero` preciz fuq xiex ma setax jiftakar. Qal li lill-attur kien ukoll ghaddielu l-***visiting card*** tieghu. L-attur kien kellmu dwar xi ***post*** ta' l-Universita` u li apparantament l-attur kien gie eskluz minnu.

"Qal li hu bhala Kancillier qieghed ***above*** minn dawn il-konsiderazzjonijiet u fil-kariga tieghu ma jistax jidhol go certu aspetti. Sostna li ghalih l-eta` ma kellhiex tkun wahda mill-kriterji. Anzi hu dejjem kien attivist f'dawn l-affarijiet u dejjem sostna li l-eta` m'ghandiex tkun kriterju determinanti f'dawn l-affarijiet.

"Ma setax jiftakar ezattament x'kien qal ir-rettur fid-diskors tieghu ta' dakinhar imma l-attur kien urtat b'xi kliem tar-rettur f'dan is-sens. Ix-xhud f'dik l-okkazjoni qal li wara li jigi mahtur bord ma kienux jidhlu aktar fil-kwistjonijiet ghax la tahtar bord trid ikollok toqghod fuq id-decizjonijiet tieghu ghax il-bord tahtru wara li jkollok fiducja fih. Mistoqsi jekk kienx indaga dwar dak li qallu l-attur qal li ma jiftakarx izda ftakat li qallu l-kliem li wara li tahtar bord ma tistax imbaghad tindahal fid-decizjonijiet. Mas-***selection board*** ix-xhud zgur li ma kienx indaga. Qal li possibilment indaga ma' xi nies ohra. Ftakar li kellem lir-rettur u li l-***feed back*** li kellu kien li difficli li tintervjeni fuq ***selection board*** wara li tkun htartha inti. Anqas ftakar x'kienu l-kriterji

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

"Kif issema fuq din il-qorti diversament prejeduta fit-30 ta' Jannar 2003 kienet iddecidiet hekk:

"Għal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tiddeċiedi billi tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-imħarrek nomine u tordna illi l-kawża tissokta bis-smiegħ tal-provi fil-mertu. L-ispejjeż ta' din is-sentenza għandhom jiġu determinati mas-sentenza finali."

"Issa fil-kaz odjern irrizulta li fit-12 ta' Jannar, 2001, ħarget sejħa mill-i***Staff Recruitment and Development Office*** fi ħdan l-Universita` għall-applikazzjoni għal żewg karigi akkademiċi fid-dipartiment tal-Ekonomija fil-Fakulta` ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy (F.E.M.A.). It-tieni paragrafu jelenka l-kwalifiki meħtieġa għall-applikanti f'kull kariga. L-attur ghandu diversi kwalifiki akkademiċi fil-qasam tal-ekonomija u ilu jgħallem fil-Fakulta` għal għadd ta' snin. Fuq dan l-aħħar tagħrif l-konvenut

***nomine*** ma ressaq l-ebda kontestazzjoni imma, għall-kuntrarju, iddikjara li jaqbel ma' l-attur dwar dawk il-fatti.

"Ix-xhieda kollha prodotti qablu li l-eta` mhix fattur li ghandu jitqies ghall-iskopijiet tal-ghazla.  Fis-sejha ma jissemmix.  Hafna semmew li l-kriterji li fuqhom jintaghzlu l-kandidati dejjem ikunu kwalifiki, referenzi, personalita`, vizjoni, komunikabilita`, kemm il-persuna tkun kapaci tikkomunika anki waqt il-bord, u l-esperjenza f'dan il-kamp propju.  Hadd mix-xhieda ma ta lill-Qorti xi ***break down*** tal-marki li inghataw lill-kandidati izda kollha xehdu b'mod generali u fahhru l-kwalitajiet tal-applikanti fosthom l-attur. Qalu pero` li hassew li l-persuni maghzula kienu aktar idoneji.

"Wahda mid-domandi li jidher li kienet issir kif wiehed jipprogetta l-futur.  Certament ma hemm xejn hazin dwar dan izda r-rikorrent ihoss li hawn bata minhabba l-eta`. Jissemma wkoll li l-Prof Briguglio xtaq jara ***lecturers*** izghar.  Jidher ukoll li s-sur Magro wera l-preokkupazzjoni tieghu fuq dan.

"Izda fuq dan l-aspett il-Qorti ma thossx li ghandu jservi tal-bazi kollha.  Jissemmew il-kriterji ghall-ghazla.  Gew osservati dawn il-kriterji?  Din il-Qorti dejjem emmnet li wiehed mill-aktar elementi importanti huwa dak tal-kwalifiki.  Jirrizulta b'mod car li Dr. Borda kien kwalifikat aktar mill-applikanti l-ohra.  Mela jinkombi li jkun hemm kriterji ohra biex dan jigi mibdul.  Esperjenza zgur li kellu f'dak il-qasam ghax infatti kien lecturer ghal numru ta' snin.  L-unika persuna b'esperjenza dwar resources kien l-attur [wiehed jista' jsemmi l-kariga ta' Deputy Chairman ta' l-Enemalta fejn l-attur kellu jiehu sehem f'diversi konferenzi u seminars barra minn Malta].  L-attur kien hadem ukoll fis-settur privat u kien Deputy Chairman tal-Air Supplies. Ghamel zmien bhala Deputy Speaker. Mela x'inhi ir-raguni li ma nghatax il-hatra?  Hadd mix-xhieda ma ta risposta dettaljata u diretta izda kull xhud semma kriterji, semma li l-applikanti l-ohra huma brillanti, hadd ma semma xejn negattiv fuq l-attur.  Spiccaw biex jghidu li l-applikanti l-ohra dehru ahjar.  Issa dan hu sufficjenti halli l-qorti tahsel ideja u tieqaf hemm!

"Hadd ma kellu ***record*** tal-***order of priorities*** tal-marki allokati. Dawn setghu jitfghu xi dawl fuq il-kriterji adoperati. Fil-fehma tal-Qorti dawn ir-***records*** certament messhom jinzammu minn l-Universita`. Izda ma nstabux! Fil-fehma tal-Qorti d-decizjoni kienet wahda diskriminatorja.

"Il-Qorti taghmel referenza ghal decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji tat- 22 ta' Novembru 2001 fl-ismijiet **Francis Hili vs Chairman Bank of Valletta et** fejn intqal:

"Dwar diskriminazzjoni jinghad li hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita` ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva tratatment differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti – Ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali deciza fil-31 ta' Mejju, 1999 fl-ismijiet Dr Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru. Ara wkoll "Law of the European Convention on Human Rights" - Harris Boyle and Warbrick pag 462 et, u "Law and Practice of the European Convention on Human Rights" - Gomien Harris, and Zwack pag 345 et]. Ara wkoll Vol LXXVII-I-127 u 136."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti:
"… … … joghgobha tirrevoka s-sentenza tal-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta' Jannar 2003 u tirriforma dik tas-6 ta' Dicembru, 2006 fil-kawza fl-ismijiet premessi u b'hekk tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza tas-6 ta' Dicembru, 2006 in kwantu laqghet l-ewwel eccezzjoni fir-rigward tal-Bord tal-Ghazla u il-hames eccezzjoni tal-konvenut u cahdet it-tielet talba tal-attur, tirrevoka [recte: tirrevokaha] fil-kumplament kif ukoll tirrevoka s-sentenza tat-30 ta' Jannar 2003 u b'hekk tilqa'

l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u tichad it-talbiet kollha tal-attur bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu."

Rat ir-risposta tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu moghtija, talab li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza tat-30 ta' Jannar 2003 u tas-6 ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet premessi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant nomine;

Semghet lid-difensur tal-partijiet fl-udjenza tal-21 ta' April 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Din hi kawza ta' stharrig gudizzjarju ta' ghemil il-Bord tal-Ghazla tal-Universita` ta' Malta. L-attur applika ghal zewg postijiet vakanti fid-Dipartiment tal-Ekonomija, izda avolja jallega li hu kwalifikat biex jimla dawk iz-zewg postijiet, hu ma ntghazilx u l-postijiet inghataw lill-persuna ohra. Hu allega li d-decizjoni mill-Bord tal-Ghazla kienet ultra vires peress li l-Bord qies konsiderazzjonijiet (fosthom l-eta` tieghu) li ma kienux relevanti. L-ewwel Qorti, wara li stabbiliet il-gurisdizzjoni taghha li tistharreg l-ghemil tal-Bord tal-Ghazla tal-Universita` ta' Malta, ghaddiet biex tilqa' t-talbiet tal-attur wara li qieset li l-istess attur kellu l-kwalifiki mehtiega biex jigi mghazul u, ghalhekk, hassret id-decizjoni tal-Bord tal-Ghazla, izda qaghdet lura milli tordna li l-attur jinghata l-postijiet vakanti, peress li qieset li dik materja mhollija fid-diskrezzjoni tal-Bord u mhux taghha.

Il-konvenut appella mill-konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel Qorti, specifikament dwar il-fatt li rradikat il-gurisdizzjoni taghha, u dwar il-fatt li ddikjarat id-decizjoni tal-Bord tal-Ghazla bhala nulla u minghajr affett.

Trattat l-aggravju dwar id-decizjoni tal-ewwel Qorti li tissindika l-operat tal-Ghazla tal-Universita`, din il-Qorti, bla ebda ezitazzjoni tghid li ma taqbilx mal-aggravju tal-konvenut appellant. L-attur, f'din il-kawza, qed jisperixxi

d-dritt ta' azzjoni, skond il-ligi ordinarja, minn zmien rikonoxxut li tinvesti fil-Prim Awla tal-Qorti Civili b'gurisdizzjoni originali li tipprovdi rimedju fejn awtorita` gudizzjarja jew kwazi-gudizzjarja teccedi l-gurisdizzjoni taghha jew tagixxi b'mod kontra l-ligi. Illum hu car li l-Qorti (Civili) tista' tissindika l-operat ta' kwalsiasi tribunal amministrattiv jew organu iehor b'poteri gudizzjarji jew kwazi-gudizzjarji, l-ewwelnett biex tassigura li ma kienx hemm xi enunzjoni hazina jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi, u dan minghajr ma tipprova b'xi mod tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Bord, kif ukoll biex tassigura li l-organu kompetenti jkun, fil-fatt, wettaq id-dmirijiet tieghu, inkonformita` mal-principji tal-gustizzja naturali u tad-dritt. (ara **Farrugia v. Kummissjoni Elettorali**, deciza minn din il-Qorti fit-18 ta' Ottubru, 1996). Fil-kawza **Dingli v. Kontrollur tad-Dwana et.**, deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Marzu, 2009, intqal ukoll li kull decizjoni li tinghata trid tkun "reasonable", fis-sens li trid tkun bazata fuq kriterji oggettivi u mgharrfa.

Fil-kawza **Borg noe. v. Gvernatur tal-Bank Centrali ta' Malta**, deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Marzu, 2007, saru dawn l-osservazzjonijiet fir-rigward:
"*Din il-Qorti tibda biex tafferma li, assoluta kemm hi assoluta diskrezzjoni moghtija lil xi awtorita` pubblika, il-Qrati taghna ghandhom dejjem u invariabilment gurisdizzjoni li jissindikaw l-ezercizzju ta' dik id-diskrezzjoni. Kif qalet ricentement din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza* ***Zahra v. Malta Maritime Authority****, deciza fl-10 ta' Jannar 2007, setgha diskrezzjonali moghtija mil-ligi ma tistax titqies wahda assoluta, u dan ghar-raguni, kompliet tghid dik il-Qorti:*

*"illi dik l-istess diskrezzjoni trid dejjem tigi ezercitata fil-limiti tal-ligi u f'dawk il-limiti li mill-gurisprudenza gew senjati ghall-ezercizzju tad-diskrezzjoni. Primarjament, li l-Awtorita` hi tenuta timxi mhux biss "rite" imma anke "recte"."*

*"Din il-Qorti, ghalhekk taqbel mar-riassunt li ghamlet l-ewwel Qorti dwar il-mod ta' kif il-Qrati taghna jissindikaw*

*diskrezzjoni moghtija lil xi awtorita` pubblika, u, b'mod partikolari, taqbel ma' fejn osservat:*

*"Illi kien ghalhekk li, mal-medda taz-zmien, issawru regoli li jharsu l-imsemmija setghat diskrezzjonali u kif il-Qrati kellhom iqisu l-istharrig taghhom dwarhom. Ewlenija fost dawn ir-regoli hi li awtorita` li hija moghnija b'diskrezzjoni tista' tigi ordnata tezercitaha f'kaz li tkun naqset li taghmel dan, imma ma tistax tigi dettata x'ghandha tiddeciedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari. Biex jigi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jehtieg li lill-Qorti jirrizultalha li dik l-awtorita` tassew qieset il-kwistjoni li kellha quddiemha, u li dan ghamlitu minghajr l-indhil ta' l-ebda haddiehor jew bla ma poggiet lilha nnifisha f'qaghda fejn ma setghetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni. Siewi wkoll li jigi accertat li l-awtorita` mistharrga m'ghamlitx dak li kienet espressament mizmuma milli taghmel, jew jekk ghamlitx xi haga li ma kenitx awtorizzata taghmel. Fuq kollox, l-awtorita` mistharrga trid tkun imxiet bona fide u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-kaz. Dawn huma, fil-qosor, il-gabra tal-kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta' nuqqas ta' ezercizzju ta' diskrezzjoni u ta' eccess jew abbuz ta' dak l-ezercizzju."*

*"Din is-setgha gurisdizzjonali tal-Qrati ordinarji taghna – garantita mill-Kostituzzjoni – hija parti integrali mill-awtorita` ta' Qrati ta' pajjiz demokratiku kif inhu dak ta' Malta, u derivanti mill-kuncett ta' "rule of law" li fuqu hu bbazat l-istat Malti."*

Fil-konfront tal-Universita` ta' Malta, gia` din il-Qorti kienet ippronunzjat ruhha fis-sens li kumitati maghzula biex iwettqu d-diversi funzjonijiet taghha, huma sindakabbli biex jigi ezaminat jekk ikunux agixxew fil-parametri ta' dak li trid il-ligi – ara **Attard v. Ellul Micallef noe.** deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Marzu, 1998, li kien jitratta l-Admissions Committee fi hdan l-Universita`, kif ukoll **Harding v. Farrugia et noe.** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Jannar, 1987, li kienet kawza kontra l-membri tal-iStudents Selection Board tal-Universita` ta' Malta. Fil-kawza **Tanti Hughes et. v. Chairman Malta Union Club et.**, deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Ottubru, 2005, intqal li

l-Qrati jistghu jissindikaw jekk tkeccija ta' persuna minn membru tal-Union Club kenitx illegali, abbuziva jew in mala fede – altru, mela, li istituzzjoni bhalma hi l-Universita` ta' Malta taqa' u hi soggetta ghall-istharrig tal-Qrati Maltin! (ara wkoll **Chairman tal-kumpanija PBS Ltd. et. v. Awtorita` tax-Xandir et.**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Settembru, 2002, ghal studju dwar il-poter tal-qrati li jissindikaw l-ghemil ta' kull "awtorita` pubblika")

Jinghad ukoll mill-appellant li, f'kull kaz, il-kwistjoni deciza mill-Bord tal-Ghazla hija materja ta' "amministrazzjoni interna", eskluza mill-istharrig tal-Qrati. Din il-Qorti ma taqbilx u taghmel riferenza ghas-sentenza taghha tas-27 ta' Jannar, 2006, fil-kawza fl-ismijiet **Borg v. Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru**, fejn din il-Qorti ghamlet studju dwar it-tifsira ta' 'ghemil amministrattiv' u x'inhu eskluz taht il-kappa ta' "organizzazzjoni interna". F'dik il-kawza, din il-Qorti qalet li d-decizjoni li l-attur ma jinghatax il-promozzjoni b'effett immedjat <u>ma hijiex</u> mizura intiza ghal organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna. Fil-kawza **Tanti v. Segretarju Amministrattiv tal-Ufficcju tal-Prim Ministru**, deciza wkoll minn din il-Qorti fis-7 ta' Ottubru, 2005, intqal li din l-eskluzjoni ma tirreferix ghal decizjoni dwar jekk l-attur ghandux jinghata pensjoni skond il-grad li bih huwa spicca minn mac-civil jew il-grad ekwivalenti ghax-xoghol li effettivament kien jaghmel.

Ghall-fini tal-odjerna kawza, din il-Qorti tikkondividi d-decizjoni tal-ewwel Qorti li decizjoni dwar jekk l-attur jinghatax il-post li ghalih applika wara li l-Universita` harget sejha ghall-applikazzjonijiet, ma taqax fl-ambitu ta' decizjoni intiza ghal organizzazzjoni interna, u kwindi dik id-decizjoni mhux eskluza mill-poter ta' sindikar ta' dawn il-Qrati.

Ghalhekk, l-aggravju tal-konvenut appellant fil-konfront tas-sentenza tal-ewwel Qorti tat-30 ta' Jannar, 2003 qed jigi michud, u dik is-sentenza qed tigi konfermata.

Fir-rigward tas-sentenza fil-meritu, dik tas-6 ta' Dicembru, 2006, din il-Qorti tara li, hawnhekk, il-konvenut nomine

appellant ghandu ragun. Jidher mill-premessi tat-talba attrici, li l-allegazzjoni principali tieghu hu li hu ma nghatax il-post minhabba l-eta` tieghu: it-tielet paragrafu tal-premessi huwa car fuq daqshekk. Issa, mill-provi, u dan irrikonoxxietu wkoll l-ewwel Qorti, ma jirrizultax li l-Bord tal-Ghazla ikkunsidra l-eta` tal-attur bhala wahda mill-konsiderazzjonijiet li fuqhom ibbaza d-decizjoni tieghu. Gie, anzi, ikkonfermat li l-eta` ma kienx kriterju dwar l-ghazla tal-kandidat, u l-membri tal-Bord lanqas biss ikkunsidrawha fid-deliberazzjonijiet taghhom. Hu minnu li decizjoni ta' awtorita` pubblika tista' tithassar f'kaz li jittiehdu "irrelevant considerations", kif spjegat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, fil-kawza **Attard v. Kunsill Lokali Munxar** deciza fid-29 ta' Frar, 2008; pero`, ma jirrizultax li f'dan il-kaz gara xi haga f'dan is-sens. Kif spjega tajjeb il-Professur Lino Briguglio, Kap tad-Dipartiment tal-Ekonomija fl-Universita`, u li kien membru fuq il-Bord tal-Ghazla, il-Bord kellu jalloka marki fuq erba' kriterji individwalment, li kienu l-kwalifiki akkademici, vizjoni, esperjenza u "communication skills". Ir-"rating" li giet allokata ghal kull wiehed minn dawn il-kriterji, kien l-istess, u cioe` hamsa u ghoxrin fil-mija. F'dan il-kaz kompla jispjega, "il-marki jigu allokati individwalment minghajr ma wiehed juri lill-iehor. Konna qbilna li l-kandidat li ghazilna kien l-ahjar". Hu veru li l-marki allokati ma gewx prodotti, pero`, minn dak li qal dan ix-xhud u l-Professu Daniel Darmanin, membru iehor fuq il-Bord tal-Ghazla, ma jirrizultax li gew mehuda in konsiderazzjoni fatturi ohra oltre l-erba' kriterji li ssemmew qabel.

L-ewwel Qorti dehrilha li l-ghazla saret hazin peress li l-attur kien kwalifikat aktar mill-applikanti l-ohra u kellu esperjenza fil-qasam; pero`, dawn ma kienux l-unici kriterji, u, fuq kollox, meta jkun hemm ghazla ta' applikant, ghandu jigi accettat margini ta' element soggettiv li, ftit jew wisq, jiddettermina l-ghazla. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Borg v. Gvernatur tal-Bank Centrali ta' Malta**, li ghaliha saret riferenza aktar qabel:
"Il-kompitu tal-Qorti, f'kaz ta' stharrig gudizzjarju, mhux dak li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik ta' l-awtorita` pubblika, lanqas biex tiddeciedi jekk ir-ragunijiet

li a bazi taghhom ezercitat id-diskrezzjoni taghha kellhomx mis-sewwa jew le, izda biex tara jekk a bazi ta' l-informazzjoni li kellha l-awtorita` pubblika fil-mument li ezercitat id-diskrezzjoni taghha, setghetx jew le tasal ghad-decizjoni li hadet. Jekk id-decizjoni kienet wahda li l-awtorita` pubblika setghet ragjonevolment tasal ghaliha, allura dik id-decizjoni m'ghandhiex tithassar. Kif qal Lord Diplock fil-*House of Lords* fit-The Tameside Case (1977):

*""The very concept of administrative discretion involves a right to choose between more than one possible course of action upon which there is room for reasonable people to hold differing opinions as to which is to be preferred.""*

L-attur jghid li oltre l-eta`, il-Bord tal-Ghazla mexa fuq "konsiderazzjonijiet mhux relevanti", izda mhux biss ma specifikax x'inhuma dawn il-konsiderazzjonijiet, izda, mill-provi ma rrizultax li l-Bord tal-Ghazla ha in konsiderazzjoni cirkostanzi ohra oltre dawk l-erba' li ssemmew qabel u li, din il-Qorti trid tirrimarka, huma gustifikati u validi fil-kuntest tal-postijiet li ghalihom applika l-attur.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut nomine appellant billi tilqghu in parte u fil-waqt li tichad l-appell tieghu fir-rigward tas-sentenza tal-ewwel Qorti tat-30 ta' Jannar, 2003, tilqa' l-istess fir-rigward tas-sentenza tas-6 ta' Dicembru, 2006, u ghalhekk tirriforma din is-sentenza tas-6 ta' Dicembru 2006 billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu cahdet it-tielet talba attrici, thassarha u tirrevokaha fejn laqghet l-ewwel u t-tieni talba attrici, biex b'hekk jigu michuda t-talbiet kollha attrici.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk in prim istanza konnessi maz-zewg sentenzi li nghataw, jithallsu nofs mill-attur u nofs mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------